**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 30 ta` Settembru 2015**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Carlos Cordina)**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**Vs**

**JEFFREY CILIA**

**KUMP NRU 348/2012**

**IL-QORTI**;

Wara li rat li l-imputat **Jeffrey Cilia** detentur tal-karta tal-identita` bin-numru **468273(M)** gie akkuzat talli:

1. Bejn il-lejl ta' 29 ta' Marzu 2012 u 30 ta' Marzu 2012, fl-inhawi tal-Furjana, heddidt, gieghelt lill-*Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi u Supretendent Dominic Micallef* bhala ufficjali pubblici li aghmel jew ma ghamilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu; u dan bi ksur tal-artikolu 91 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded, fuq il-persuni ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

3. Akkuzat ukoll talli fid-29 ta' Marzu 2012 hedded bil-mewt lil *Louise Calleja* u dan bi ksur ta' l-artikolu 249(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

4. Akkuzat talli bejn il-lejl tad-29 ta' Marzu 2012 u 30 ta' Marzu 2012, uza '*network*' jew apparat ta' kommunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghall-ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew traskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga min impriza ghall-uzu kif jmiss tan-*'network'* jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew nkella uzah b'mod mhux kif jmiss u dan ai termini ta' Art.48 (d) Kap.399 Ligi Ta Malta;

5. U aktar talli fl-istess jum, cioe' fid-29 ta' Marzu 2012 u 30 ta' Marzu 2012, permezz ta' xi *'network'* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat, jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li gieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jhedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra, jew jimmalafama lil dik il-persuna, jew li taghmel uzu iehor mhux xieraq bih u dan ai termini ta' Art.49 Kap.399 Ligi Ta' Malta;

6. Talli fl-istess jum, cioe' fid-29 ta' Marzu 2012 gab ruhu b'mod ta' fastidju lil persuna ohra cioe' lil *Louise Calleja* u persuni ohra, b'mod li kont taf jew b'mod li tkun taf jew missek kont taf li dan hu ta' fastidju ghal persuna u dan ai termini ta' Art.251A (a)(b), tal-Kodici Kriminali Kap.9 Ligi Ta' Malta;

7. Talli fl-istess jum, cioe' fid-29 ta' Marzu 2012 u 30 ta' Marzu 2012, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontra *Louise Calleja u Familja Taghha*, jew kontra proprjeta tal-*Familja Calleja* jew dixxent/i, meta int kont taf li l-imgieba tieghek se tikkaguna biza' u dan ai termini ta' Art.251 B, tal- Kodici Kriminali, Kap.9 Ligi Ta' Malta;

8. U aktar talli,bil-hsieb li tellef jew tnaqqas il-gieh ta' xi hadd, weggajt bi kliem, b'gesti jew b'xi mod iehor lill-*Familja Calleja u lill-familja Rizzo* u dan ai termini ta' Art.252 tal- Kodici Kriminali, Kap.9 Ligi Ta' Malta;

9. Talli gewwa ta' Sliema, fid-data tad-29 ta Marzu 2012, ghall-habta tal-10.30p.m. ikkommettejt hsara volontarja fuq proprjeta privata (bieb) a detriment ta' *Gianni's Court Assosciation* u persuni ohra, liema hsara teccedi s-somma ta' €116.47c u dan ai termini tal- Art.325(b) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligi Ta' Malta;

10. Talli gewwa ta' Sliema fid-data tad-29 ta' Marzu 2012 ghall-habta tal-10.30p.m. dahal gewwa l-proprjeta minghajr l-ebda permess ta' sid jew ta' detentur, ghamilt vjolazzjoni kontra il-proprjeta u dan ai termini tal- Art.340(d) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligi Ta' Malta;

11. Talli ksirt il-mistrieh tan-nies bi hsejjes u/jew ghajjat, jew b'mod iehor u dan ai termini tal- Art.338(m) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligi Ta' Malta;

12. Talli kien fi stat ta' sokor, qal kliem oxxen u/jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, u dan ai termini tal- Art.338(bb) tal- Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligi Ta' Malta;

13. Aktar talli ma obdiex ordnijiet legittimi tal-Awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u ma halliex u/jew fixkel waqt il-qadi ta' dmirijietu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li bil-Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skont il-Ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew indhil ma kienx jaqa' taht dispozzizjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew Ligi ohra u dan ai termini tal-Art.338(ee) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligi Ta' Malta;

14. U aktar talli ghamel ingurji, hedded mhux imsemmija band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk ipprovokat, ingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan ai termini tal- Art.339(e) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligi Ta' Malta;

15. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien fi stat ta' sakra b'mod li ma kienx jista jiehu hsieb tieghu innifsu;

16. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku;

17. U talli saq jew prova jsuq il-vettura BBS917 ta' ghamla BMW taht l-influwenza tal-alcohol jew sustanzi ohra, fi triq jew post pubbliku iehor u dan ai termini tal-Art.15A tal- Kap 65 tal- Ligi Ta' Malta;

18. Talli saq il-vettura BBS917 ta' ghamla BMW ta' lewn abjad b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza;

19. Finalment l-imputat Jeffrey Cilia hu akkuzat bi Ksur tal-Bail li dina l-Onorabbli Qorti, hekk preseduta mill-Magistrat Dr..Audrey Demicoli LL.D, harget fil-Konfront ta' Jeffrey Cilia, datata 23 ta' Dicembru 2011.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tigi imposta garanzija fuq Imputat sabiex josserva kull kundizzjoni li tigi imposta fuqu u dan ai termini tal- Art.579 tal-Kodici Kriminali tal Kap 9 tal-Ligi Ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l Artikolu 412 (C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuni u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex flimkien ma' ordni ta' protezzjoni, jew separatament minnha , taht l- Art.412C u sakemm din Onorabbli Qorti tkun sodisfatta jsiru arrangamenti adatti ghal trattament, li tkun tehtieg il-persuna, Ordni ta' Trattament, bil kunsens tal-hati jew minghajru, u dan ai termini tal- Art.412D(1) tal-Kodici Kriminali tal Kap 9 tal-Ligi Ta' Malta ;

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni involuti u l-familja taghhom ai termini ta' l-artikolu 382A,383, 384, 385 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tal-4 ta` Frar 2013 (ara *folio* 193) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 194);

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

Rat is-sensiela ta` sentenzi pprezentati mid-difiza fir-registru ta` din il-Qorti fit-30 ta` Marzu 2015;

**Ikkunsidrat**;

Illi fil-qosor, il-fatti rizultanti li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti;

1. Illi ghal zmien twil, numru ta` snin, l-Ispettur Louise Calleja u l-Ispettur Jeffrey Cilia, kienu f'relazzjoni. Din l-istess relazzjoni waqfet xi snin qabel sehh dan l-incident, mertu ta` din il-kawza. Minkejja li din ir-relazzjoni kienet spiccat, l-imputat jidher li baqa f'kuntatt ma` l-Ispettur Louise Calleja u dejjem jitlobha biex jergghu jirrangaw, minkejja li sadanittant, l-imputat kien dahal f'relazzjoni ohra li minnha ghandu zewgt itfal;
2. Illi bhal haga li tigri ta` spiss, nhar id-29 ta` Marzu 2012 ghall-habta tas-6.45am l-Ispettur Louise Calleja irceviet messagg, fost hafna ohra, minghand l-imputat, fejn dan qalilha li llum jehtieg jiltaqghu ghax ma kienx qieghed sewwa. L-ispettur Louise Calleja irrispondietu li ma kienx hemm ghalfejn jiltaqghu, u fakkritu li kulhadd kien qabad it-triq tieghu u li hu ghandu zewgt itfal. Jidher li dan il-kuntatt waqaf ghal habta tat-8.00am;
3. Illi dakinhar tad-29 ta` Marzu 2012 l-Ispettur Louise Calleja kienet 24hrs duty, u waqt li xi s-6.00pm kienet gewwa d-Depot, semghet il-mobile taghha jdoqq. Rat illi kienet missed call minghand l-imputat. Indunat ukoll li kien baghtilha messagg fis-sens li dakinhar kellhom jiltaqghu zgur u qalilha li ried jghaddi ghaliha. Hija rrispondietu bl-istess diskors ta` filghodu. Pero` huwa qalilha li

kien qieghed il-Gzira u ser jghaddi ghaliha, u dan ghaliex l-Ipsettur Louise Calleja toqghod Sliema/Gzira;

4. Illi hija nfurmatu li ma kienetx id-dar u li hi kienet qeda x-xoghol izda huwa nsista li allura jghaddi ghaliha wara d-9.00pm. Hija nfurmatu li ma setghetx ghax kienet duty 24hrs u ma kienetx ser tispicca xoghol fid-9.00pm. L-imputat insista li allura kien ser imur hdejn id-Depot u hija tirkeb fil-karozza tieghu u jmorru jitkellmu. Hija regghet irrifjutat li jiltaqghu. L-imputat baqa jinsisti u fl-ahhar hija cediet, ghax ma felhitx aktar ghall-insistenza tieghu, u qaltlu li seta jmur quddiem id-Depot u jitkellmu hemm peress illi ma kienetx ser titla fil-karozza mieghu;
5. Illi waqt dan l-iskambju ta` messaggi, l-imputat kien qalilha li huwa kien qieghed il-Lady Di Pub. L-Ipsettur Louise Calleja aktar bezghet meta saret taf hekk, peress illi kellha esperjenzi qabel ta` kif l-imputat jinbidel u jsir aggressiv meta jixrob; u kien ghalhekk li kienet ser tkellmu biss quddiem id-Depot u mhux fil-karozza mieghu wahedha;
6. Illi wara xi siegha li l-imputat kien qalilha li kien qieghed fil-hanut tax-xorb imsemmi, huwa nfurmaha li kien *on the way*. Fuq il-mobile instema rrabjat u ma riedx jaccetta l-fatt li hija ma riditx titla fil-karozza mieghu. Fuq il-mobile beda joffendieha, jghajjat u jitkellem hazin, joffendi l-Kummissarju u lill-pulizija. Peress illi dak il-hin, gewwa d-Depot, kien hemm delegazzjoni barranija mal-Kummissarju u ufficjali ohra gholja fil-korp, l-Ipsettur Louise Calleja iddeciediet li tersaq lejn il-gnien li hemm hdejn id-Depot biex tevita li ssir xi storja propju gewwa d-Depot. Meta l-imputat wasal u dahal fil-main gate, hija infurmatu li ma kienetx hemm u li kienet sejra lejn il-gnien biex huwa jitlaq minn hemm. Jidher li l-imputat ma kienx qed jifhem x'qed tghidlu u l-hin kollu jghidilha biex tinzel u tmur halli jkellimha;
7. Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Ispettur Louise Calleja qabditha biza kbira, aktar u aktar meta kienet ghadha kif giet informata li l-imputat kien ghadu kif nizel mill-karozza privata tieghu BMW X5 u bezaq fuq il-vettura tal-Kummissarju tal-Pulizija. Hija bdiet tistahba fil-gnien imsemmi tant kemm inhakmet mill-biza. F'dan il-hin hija bdiet tipprova ccempel lil tal-mobile tal-Belt biex imorru jnehhu lill-imputat minn fejn kien fil-main gate;
8. Illi kien f'dan il-hin li rega kien hemm kuntatt telefoniku bejn l-imputat u l-Ispettur Louise Calleja. L-imputat ma kien *happy* xejn li skond hu hija kienet telqet minn hemm u informaha li kien sejjer tas-Sliema (fejn toqghod hi) u

jaghtihom kedda (lilha, lil huha l-Assistent Kummissarju Pierre Calleja, u lil ommhom anzjana). F'dan il-hin ratu jirriversja u gibed lejn in-nizla ta` Sa Maison. Hawnhekk l-Ispettur Louise Calleja bdiet tinforma aktar pulizija tal-mobile biex jintervjenu. Nelfrattemp l-imputat lehaq wasal tas-Sliema hdejn ir-residenza ta` l-Ispettur Louise Calleja. PC1363 ipprova jlehhaq mieghu minn kif telaq minn hdejn id-Depot, izda kien kollu ta` xejn ghax saq b'velocita`;

9. Illi l-imputat, meta wasal tas-Sliema (fit-Telgha tas-Savoy), dahal fil-blokk ta` appartamenti fejn kienu joqghodu l-Ispettur Louise Calleja u membri ohra tal-familja taghha. Qaleb xi fliskatur bi hwejjeg mitwijin li kienu wara l-bieb ta` l-Ispettur Louise Calleja, u biex dahal kisser il-lock u xi hgiega tal-bieb ta` isfel tal-komun. Wara, meta rega hareg mill-blokk ta` appartamenti, huwa ntlemah mill-Assistent Kummissarju Pierre Calleja hiereg mill-blokk ta` appartamenti, jirkeb fil-vettura tieghu, u saq 'l hemm;

10. Illi issa l-imputat rega erhielha lejn il-Furjana, propju lejn id-Depot. Din id-darba pero` kien qed jigi segwit minn PC112 Oliver Vella bil-karozza tal-pulizija. L-imputat waqaf hdejn ir-roundabout tal-Kappara hdejn it-tank tal-gas. PC112 nizel biex ikellmu izda malli resaq lejn il-vettura ta` l-imputat, l-imputat qabad u saq. Ippruvaw isegwuh izda tilfuh minhabba li l-vettura ta` l-imputat kienet hafna aktar veloci. Mbaghad regghu rawh wieqaf hdejn il-kazin tal-Partit Laburista ta` l-Imsida u marru hdejh. Din id-darba kien l-imputat li nizel, mar lejhom u staqsiehom ghaliex kienu qed isegwuh u jekk kienx ghamel xi haga hazina. Hawnhekk l-imputat rega tela fil-vettura tieghu u saq. Din id-darba PC112 ma baqax isegwieh izda beda jigi segwit minn vettura ohra tal-pulizija. PC112 saq fid-direzzjoni tal-Furjana biex jigbor lill-Ispettur Louise Calleja;

11. Illi mill-Imsida sad-Depot l-imputat gie segwit minn karozza ohra tal-pulizija. PC132, li kien ma ohrajn jispjega li kien hemm velocita qawwija minn naha ta` l-imputat, li wkoll beda jaghmel manuvri ta` perikolu u cioe` beda jzomm il-break biex propju jintimida lill-pulizija li kienu qed isegwuh. Fl-ahhar waslu lkoll hdejn id-Depot u l-vettura misjuqa mill-imputat giet ibblokkjata minn quddiem u minn wara biex propju l-imputat ma jkunx jista jerga jitlaq minn fuq il-post;

12. Illi apparti l-kwistjoni li l-imputat kellu ma l-Ispettur Louise Calleja, jidher li kien hemm *bad blood* bejnu u bejn il-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo u l-ex Assistent Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cauchi, u dana minhabba incident iehor li kien sehh precedentement gewwa San Giljan u l-imputat

jinsab ghaddej proceduri ghal dak l-imsemmi incident quddiem din il-Qorti diversament presjeduta;

13. Illi, issa lura lejn id-Depot tal-Pulizija, meta l-imputat ossia l-vettura tieghu kienet ibblokkjata, l-incident kompla. Wara li gie nformat li l-imputat kien qieghed barra fil-vettura tieghu, kien il-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, flimkien ma ufficjali ohra gholja fil-korp tal-Pulizija, li resaq lejn il-vettura ta` l-imputat. L-imputat baqa fil-vettura tieghu u nstema jghid kliem bhal "kabocca minn Bormla" b'referenza ghall-Kummissarju tal-Pulizija. Instema jghid "foxx il-pulizija", "foxx l-uniformi li tilbsu", "kemm kelli cans inreddahhulkom meta tkunu night watch", lill-Kummissarju tal-Pulizija qallu " jien l-akbar ghadu tieghek, ta` martek, ta` uliedek u ta` ulied uliedek", fost kliem dispregjattiv iehor, dagha u ghajjat; sahansitra qallu "nahxilek lit-tifla";
14. Illi l-Kummissarju tal-Pulizija talab sabiex ikellem lill-imputat izda dan ma riedx akkost ta` kollox. L-imputat deher eccitat, u ma kienx jidher f'sikktu, u ma kienx f'sensieh. Kien arroganti fl-imgieba tieghu, provokanti hafna b'diskorsu, kellu rabja fid-diskors tieghu, u attitudni aggressiva. L-imputat irrifjuta diversi ordnijiet li kien qed jaghtih il-Kummissarju tal-Pulizija, fosthom biex jinzel mill-karozza – liema ordni irrifjuta li jobdi. Dan kollu kien qed isehh quddiem numru sostanzjali ta` ufficjali gholja fil-korp tal-pulizija u membri ohra. Dan l-incident verbali dam ghaddej gmielu, aktar minn nofs siegha, meta mbaghad l-imputat nizel mill-vettura tieghu u kompliet l-investigazzjoni billi anki ttiehed kampjun tan-nifs li mmarka 047ug/100ml (meta l-livell accettabbli huwa ta` 037ug/100ml). L-imputat inzamm arrestat ghal aktar investigazzjonijiet u filghodu effettivament kien jidher li hu persuna differenti, spiccat l-animosita`, tkellem mal-Kummissarju tal-Pulizija u talbu skuza wkoll. L-imputat deher iddispjacut.

Dan hu principalment ix-xenarju li ghandna f'dan il-kaz.

Il-Qorti qieset dettaljatament u ezaminat funditus id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dan il-procediment, inkluz d-depozizzjoni voluminuza ta` l-imputat innifsu li tinsab a folio 204 et seq. Qieset id-dokumentazzjoni kollha esebita, fosthom izda mhux biss, ir-rizultat tal-breathylizer, u r-rapport ta` l-espert nominat Dr. Martin Bajada (dok 8). Il-Qorti qieset dettaljatament is-sottomissjonijiet finali tad-difiza u tal-prosekuzzjoni, u s-sentenzi esebiti mid-difiza in sostenn tad-difiza taghha.

**Ikkunsidrat**;

Illi gialadarba issa gew esposti l-fatti saljenti li sawwru dan il-kaz, il-Qorti trid tara, kemm jista jkun bi precizjoni, kemm dawk il-fatti rizultanti jinkwadraw fl-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat.

Qabel xejn din il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkumenta minnufih illi lill-imputat ippruvat tifhmu. U tifhem u tapprezza din il-Qorti li din il-kummiedja shiha, li ghaliha jrid jirrispondi l-imputat u l-imputat biss, hija frott il-gibda emozzjonali li baqa jghix fiha l-imputat, minkejja li r-relazzjoni li huwa kellu ma l-Ispettur Louise Calleja kienet intemmet snin qabel u minkejja li l-imputat kien f'relazzjoni ohra u kellu t-tfal minuri. L-imputat huwa uman u din il-frustrazzjoni li kien qed juri l-imputat ma hijiex xi sorpriza ghal din il-Qorti. Sfortunatament, f'dan it-taqlib emozzjonali li bih kien mahkum l-imputat, iddahhal l-element tax-xorb alkohliku, ingredjent li jista jaghmel hafna hsara, specjalment f'cirkostanzi ta` dwejjaq u taqlib emozzjonali kbir. U r-rizultat jitkellem wahdu. Kull kumment ulterjuri ikun superfluwu. B'dan kollu din il-Qorti bl-ebda mod ma hi qeghdha tipprova tiggustifika jew tiskuza lill-imputat fl-imgieba tieghu, imgieba xejn xierqa, aktar u aktar meta gejja minn ufficjal fil-korp tal-pulzija, li wara kollox kif jirrizulta mill-atti, kien hemm min fahhru (ara folio 83) ghal mod kif kien jikkonduci xogholu meta kien fi zmien u f'qaghdha ahjar. Nhar id-29 – 30 ta` Marzu 2012, l-imputat zbalja u zbalja bil-kbir. Fi kliemu stess, *a folio* 244 (depozizzjoni tas-7 ta` Jannar 2014), l-imputat jistqarr senjatament, *inter alia*, s-segwenti :

***"…. li nista nghid sur Magistrat illi jiena li haqqni niehdu, forsi l-agir tieghi ma kienx ha nghid hekk f'dan l-incident ma kienx idonju ghal Spettur tal-Pulizija ha nghid hekk, jiddispjacini jekk forsi ghamilt gieh hazin lill-uniformi ghalkemm kien hemm mumenti li hassejtni ttradut mill-istess uniformi u ghalhekk ghamilt li ghamilt ghax kont mugugh, dik l-uniformi li tajtha hajti prattikament…."***.

Issa kif intqal aktar il-fuq, jehtieg li din il-Qorti tara r-reati li bihom gie addebitat l-imputat u r-rizultanzi processwali mill-lenti tax-xjenza legali sabiex tkun tista tigi determinata r-reita o meno.

Ma hemmx dubbju dwar il-fatt, li lanqas gie ikkontestat mid-difiza, illi kemm l-imputat kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija huma ufficjali pubblici fit-termini ta` l-Artikolu 92 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Madanakollu, meta wiehed jifli sew l-Artikolu 91, filwaqt li ma rrizultat ebda vjolenza da parti ta` l-imputat, isib illi ghalkemm irrizultaw kliem ta` theddid fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija – ara f'dan is-sens folios 42, 44, 112, 138 u 143 fost ohrajn – imkien mill-atti ma jirrizulta li l-imputat gieghel ufficjal pubbliku li jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga ta` dak l-istess ifficjal pubbliku. U konsegwentement l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, dik ikkontemplata fl-Artikolu 95(1) tal-Kap 9, din tirrizulta ppruvata. Il-kliem ta` theddid johrog mill-folios hawn fuq imsemmija. Il-kliem ingurjuz johrog minn folios 41, 112, 137, 142, 148 u 156 fost ohrajn. Meta l-Kummissarju tal-Pulizija avvicina lill-imputat, avvicinah bhala ufficjal pubbliku, l-ghola ufficjal fil-korp tal-pulizija, u kien qed jagixxi, fl-ordinijiet li kien qed jaghtieh, bhala ufficjal pubbliku. F'dan il-kuntest kollu l-imputat ingurja lill-Kummissarju tal-Pulizija bil-kliem "Kabocca minn Bormla" u dana quddiem ufficjali ohra tal-korp tal-pulizija. Il-kelma "kabocca", fit-terminologija maltija u f'kuntest partikolari bhal ma kien dan il-kaz, tinftiehem komunement bhala "injurant".

Ghal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni, filwaqt li ma jezistux l-estremi ikkontemplati fl-Artikolu 249(1) tal-Kap 9, huma evidenti u jikkonkorru l-estremi tas-sub-inciz (2) tal-istess Artikolu, stante li l-kliem ta` theddid li ntqal lill-Ispettur Louise Calleja kien fih ordni inekwivoka. Hawnhekk ssir referenza ghall-messag li l-imputat baghat lill-Ispettur Louise Calleja fid-29 ta` Marzu 2012 fil-22.59hrs - ***Wiegeb demel. Jien noqtlok fuq ta` llejla.*** - Ghalhekk tirrizulta ppruvata l-imputazzjoni taht l-Artikolu 249(2) tal-Kap 9.

Ghal dak li jirrigwarda r-raba u l-hames imputazzjonijiet, dawk skond l-Artikoli 48 u 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta` Malta, id-difiza ghandha ragun. Fuq l-iskorta tas-sentenza tal-**Onorabbli Qorti ta` l-Appell Kriminali tat-22 ta` Awwissu 2007 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Dr. Etienne Calleja" (App. 102/2007 JGD)**, din il-Qorti tqis li tali imputazzjonijiet ma jirrizultawx u m'ghandhiex tinsatb htija dwarhom.

Ghal dak li jirrigwarda s-sitt u s-seba imputazzjonijiet din il-Qorti qieset sew ix-xhieda ta` l-Ispettur Louise Calleja (ara a folios 58 et seq u a folio 202 et seq) u dana l-

apprezzament sar fid-dawl tas-sentenza tal-**Qorti ta` l-Appell Kriminali tal-21/06/2007 Appell Numru 321/2006 JGD**. Minn dak li xehedet l-imsemmija Spettur tal-Pulizija Louise Calleja, hareg car li l-imputat qatt ma ried jaccetta li r-relazzjoni twila li kellhom qabel kienet spiccat u baqa jippersisti fil-kuntatt maghha b'tali mod li dan il-kuntatt beda jdejjaqha, jekk mhux addirittura jbezzaghha wkoll! In linea ma l-insenjament tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali fis-sentenza msemmija, din il-Qorti hi tal-fehema li jirrizultaw ippruvati l-estremi tar-reat ikkontemplat taht l-Artikolu 251A, izda pero` hi tal-fehema li ma gewx sufficjentement ippruvati l-estremi tar-reat ikkontemplat taht l-Artikolu 251B. U b'dan il-mod din il-Qorti qed tiddisponi minn dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

Ghal dak li jirrigwarda t-tmien imputazzjoni, dik migjuba skond l-Artikolu 252 tal-Kap 9, din il-Qorti hi tal-fehema li din l-istess imputazzjoni tirrizulta ppruvata. L-imputat, lill-Kummissarju tal-Pulizija, qallu l-kliem "nahxilek lit-tifla". Fil-kors tal-korla li l-imputat kellu ghall-Kummissarju tal-Pulizija fil-lejl in kwistjoni, dan l-imsemmi kliem kien intiz biex inaqqas il-gieh tal-familja Rizzo; kliem li facilment jista jigi interpretat li t-tifla tas-Sur Rizzo hija ta` karattru li facilment tista tersaq lejha u tinvolvieha fl-att sesswali.

Dwar l-imputazzjoni numru 9, dik migjuba skond l-Artikolu 325(1)(b) jinghad minnufih li, ghalkemm saret il-prova dwar il-hsara fil-lock tal-bieb tal-komun u fi hgiega ta` l-istess bieb, ma ngabet ebda prova tal-valur tal-hsara ghaliex dik kienet il-pozizzjoni ta` l-Assistent Kummissarju Pierre Calleja ab initio. Dan in-nuqqas, marbut mar-rinunzja inekwivoka da parti ta` l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Pierre Calleja (ara f'dan is-sens folios 93 u 200 ta` l-atti processwali), gieghel li jiskatta l-proviso ta` l-istess Artikolu 325 u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` din l-imputazzjoni.

Dwar l-ghaxar imputazzjoni, li hija l-kontravvenzjoni ikkontemplata taht l-Artikolu 340(d) tal-Kap 9, jigi osservat li l-imputat innifsu qatt ma kkontesta l-fatt li huwa dahal fil-blokk ta` appartamenti fejn kienu joqghodu l-familja Calleja, mhux biss minghajr il-permess taghhom jew ta` xi hadd minnhom, izda addirittura billi kisser il-lock. Il-ligi ma ssemmi xejn dwar ir-rinunzja f'dan ir-rigward u ghalhekk l-imputat qed jinstab hati ta` din il-kontravvenzjoni.

Dwar il-hdax-il imputazzjoni, jirrizulta mix-xhieda illi l-imputat kiser il-mistrieh tan-nies meta kien fil-blokk ta` appartamenti gewwa tas-Sliema u wkoll ghajat (ara folio 156) meta kien quddiem id-Depot tal-Pulizija. Dan kollu sehh wara nzul ix-xemx. Din l-imputazzjoni tirrizulta.

Gie ppruvat li l-imputat kien ikkonsma l-alkohol fil-lejla in kwistjoni. Anki jekk ma rrizultax xi sokor fl-estrem tieghu, fit-termini tal-ligi l-imputat kien evidentement ecitat u fi stat (anki jekk ftit) ta` sokor. F'dak l-istat, huwa lissen kliem oxxen u indicenti bhal "foxx il-pulizija", "inreddahhulkom", fost ohrajn – ara folios 137, 142, 148, u 156 fost ohrajn – u b'hekk tirrizulta skond il-ligi t-tnax-il imputazzjoni skond l-Artikolu 338(bb).

Tirrizulta wkoll it-tlettax-il imputazzjoni, dik migjuba skond l-Artikolu 338(ee). Evidentement, ghal aktar minn nofs siegha, l-impuat injora ghal kollox l-ordni legittima li kien qed jaghtieh il-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinzel mill-vettura sabiex ikun jnista jkellmu bhan-nies fil-bini tad-Depot. Anki qabel ma intervjena personalment il-Kummissarju tal-Pulizija, l-imputat injora l-ordni li bdew ituh pulizija ohra biex jieqaf minn dak li kien qed jaghmel, jinzel minn gol-vettura u jidhol fid-Depot biex jigi mitkellem mil-Kummissarju tal-Pulizija. Ara f'dan is-sens folios 56, 78, 82, 133 u 137 fost ohrajn.

Ghar-ragunijiet u skond ir-rizultanzi gia msemmija aktar il-fuq, jirrizultaw ippruvati skond il-ligi l-imputazzjonijiet (14) u (16), ilkoll ta` natura kontravenzjonali (Artikoli 339(e) u 342 tal-Kap 9). M'hemmx dubju dwar il-kliem ta` theddid u ingurjuz fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija. Ukoll l-imputat lissen kliem oxxen u dagha fil-pubbliku (ara folio 156 fost ohrajn). Fil-fehema ta` din il-Qorti pero`, anki jekk hija konvinta li l-imputat kien ikkonsma xi ftit alkohol, ma jirrizultawx mill-atti processwali l-estremi tal-kontravvenzjoni migjuba fl-Artikolu 338(ff) tal-Kap 9. U ghalhekk l-imputazzjoni numru (15) ma gietx ippruvata.

Riferibbilment ghall-imputazzjoni numru (17), il-Qorti tinnota illi minkejja li fir-rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali inkluda wkoll l-Artikolu 15B, la darba d-dispost ta` dan l-artikolu ma giex riprodott fit-tahrika originali, u sabiex jigi evitat kwalunkwe ekwivoku, din il-Qorti ser tillimita ruhha ghall-imputazzjoni kif migjuba fid-dispost ta` l-Artikolu 15A tal-Kap 65. Fil-kuntest ta` din l-imputazzjoni l-Qorti rat is-sentenza tas-16/01/2014 tal-**Qorti ta` L-Appell Kriminali AppNru. 212/2013MM fil-kawza fl-**

**ismijiet "Il-Pulizija vs Samuel Farrugia"**, li ghaliha saret referenza mid-difiza. Minkejja li din il-Qorti mhux qed tindirizza r-reat kif migjub fl-Artikolu 15B ghar-ragunijiet gia msemmija (u qed tillimita ruhha ghar-reat kif migjub fl-Artikolu 15A), tirrileva pero` illi l-prova maghmula f'din il-kawza permezz tal-breathilyzer test hija wahda ammissibbli – intuza INTOXYLIZER 8000. Fil-kaz in ezami, huwa veru li hadd ma jaghmel referenza ghal xi riha ta` xorb allegatament gejja mill-imputat. Izda l-provi migjuba, ilkoll marbuta flimkien, u cioe` - li qabel bdiet l-"avventura" kollha, l-imputat kien qed jixrob f'bar partikolari, ex admissis huwa jghid li kien ha xi flixkun birra, u l-fatt li kien gie deskritt bhala persuna li qed jagixxi ta` wiehed mhux f'sensieh (ara folio 139) – huma tali li jikkonvincu lil din il-Qorti li meta l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu BBS917, ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba konsum ta` xorb. Il-kapacita` tal-gudizzju ta` l-imputat waqt is-sewqan tieghu kienet u dehret mill-provi li kienet wahda imnaqqsa. Anki jekk fil-fehema tieghu, hu kien qed isuq tajjeb, jew kien kapaci jikkontrolla l-qawwa partikolari u specjali li ghandha l-vettura tieghu, dan ma jfissirx li l-kapacita` tal-gudizzju tieghu waqt tali sewqan ma kienetx imnaqqsa. Ghall-kuntrarju, l-provi juru (ara folios 142, 148, 150, 156 u 190 fost ohrajn) li fic-cirkostanzi iebsa emozzjonali li kien jinsab fihom l-imputat (apparti li kkonsma wkoll l-alkohol) fil-hin tas-sewqan, minflok saq bil-galbu, saq b'tali mod u manjiera li l-vetturi tal-pulizija ma setghux ilehhqu mieghu, ghax l-ispeed milhuq minnu kien evidentement eccessiv, u ghamel numru ta` manuvri deskritti bhala perikoluzi mill-istess pulizija li kienu qed isegwuh, manuvri li skond l-istess pulizija kienu tali li minn naha taghhom huma kellhom jaghmlu l-almu taghhom biex jevitaw li jsehh incident. Ara f'dan is-sens is-sentenza tas-06/05/1997 **Appell Kriminali VDG fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alfred Mifsud"**.

Dan kollu jgib lill-imputat passabbli ghar-reat migjub fil-paragrafu (17) – Artikolu 15A Kap 65 – u ghar-reat migjub fil-paragrafu (18) – Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65; definittivament is-sewqan ta` l-imputat kien wiehed perikoluz.

Riferibbilment ghall-ahhar imputazzjoni mressqa, dik skond l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti thoss li ftit hemm x'jinghad. Il-prosekuzzjoni esebit dokument 6 li jinsab a folio 125 – kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest (naturalment f'kawza ohra separata u distinta minn din), liema digriet igib id-data tat-23 ta` Dicembru 2011. Wahda mill-kondizzjonijiet hija li l-imputat ma jikkommettix delitt iehor ta` natura volontarja waqt il-helsien mill-arrest. Din il-

kondizzjoni, fost ohrajn, kienet ghadha vigenti fil-lejl ta` bejn id-29 u t-30 ta` Marzu 2012, meta l-imputat ghamel delitti ta` natura volontarja kif aktar il-fuq determinat. L-imputat ghalhekk gie passabbli wkoll ghar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat**;

Issa jmiss l-istadju tal-kontemplazzjoni tal-piena u/jew is-sanzjoni li tkun l-aktar indikata ghall-kaz in ezami. Qieset, fost ohrajn, is-segwenti fatturi :

1. Illi l-fedina penali ta` l-imputat hija wahda nettissima u tinsab esebita a folio 103. Din il-Qorti tiddikjara li jezistu c-cirkostanzi f'dan il-kaz sabiex titratta ma l-imputat bhala tali u ttieh il-beneficcji bhala *a first offender*;
2. Illi l-imputat ghandu l-eta` tieghu u kien spettur tal-pulizija meta ghamel dak li ghamel fil-lejl ta` bejn id-29 u t-30 ta` Marzu 2012. Kien ukoll marbut b'bail conditions fuq kawza ohra. Din il-Qorti kienet tippretendi, kif del resto ghandu jippretendi kull min hu oggettiv, li l-imputat ma jagixxix kif agixxa, aktar u aktar meta huwa kellu l-obbligu li jara li dawk l-affarijiet ma jsirux;
3. Illi ghalkemm din il-Qorti, sa certu punt tifhem u tissimpatizza ma l-imputat ghax dak li ghamel kien frott il-gibda qawwija li kellu ghall-ex partner tieghu, ma tistax pero` ma tqisx li l-agir tieghu kien jikkostitwixxi fastidju serju fil-konfront ta` l-ex-partner tieghu, u komportament xejn dinjituz fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo;
4. Illi t-trapass taz-zmien minndu bdiet din il-kawza ghandu jghin lill-Qorti sabiex tasal tanalizza ahjar lill-imputat. Huwa mhux biss deher dispjacut ghal dak li ghamel, izda jidher illi fehem is-sitwazzjoni u qata` l-kuntatt ma l-ex partner tieghu;
5. Illi inoltre din il-Qorti qieset ir-rapport ta` l-ufficjal tal-probation Antonella Spagnol li jinsab a folio 256 u d-depozizzjoni taghha a folio 259 et seq. Kollox jindika li progress sar u l-imputat jinsab f'direzzjoni pozittiva;
6. Illi din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax f'dan il-kuntest il-komportament nobbli (li mhux kulhadd kapaci jassumieh) tal-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Pierre Calleja li, minkejja li l-vittma principali tal-agir persistenti ta` l-imputat kienet propju ohtu l-Ispettur Louise Calleja, iddikjara, ma l-ewwel opportunita`

li kellu, li kien qed jirrinunzja ghal dak kollu li kien rinunzjabbli u li ma setghax jifhem kif l-imputat ghamel dak li ghamel meta kien jafu bhala kollega li kien jaghmel xogholu sew;

7. Illi kemm l-Assistent Kummissarju Pierre Calleja kif ukoll l-Ispettur Louise Calleja enfasizzaw illi finalment ix-xewqa taghhom kienet il-protezzjoni taghhom u tal-familja;
8. Illi l-imputat ghandu zewgt itfal u jidher car li qed jaghmel sforzi genwini biex jerga jibni hajtu;

Illi kif qal l-imputat stess, illi hu li haqqu ser jiehdu, din il-Qorti tassigurah illi hekk ser isir mieghu – il-gustizzja u l-haqq skond il-ligi. Izda din il-Qorti ma temminx li jkun hemm Gustizzja vera u shiha jekk ma tkunx akkompanjata mill-hniena. F'dan il-kuntest din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-imputat, apparti l-progress li qed jaghmel, ghandu zewgt ulied minuri li huma dipendenti fuqu. Din il-perspettiva umana ghandha tkun centrali ghal din il-Qorti biex tasal ghall-ahjar sanzjoni fil-konfront ta` l-imputat.

Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reati kif migjuba kontra l-hati huma serji, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza jew cirkostanzi partikolari, il-hati ta` reati kif migjuba kontra l-imputat, ikun jimmerita piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha pero`, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan huwa parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat ukoll li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn. Din il-Qorti hi tal-fehema u hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li ghandha titratta mal-hati permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi.

**Konkluzjoni;**

**DECIDE**

Ghall-motivi premessi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 91, 92, 95(1), 249(1)(2), 251A(1)(a)(b)(4), 251B, 252(1), 340(d), 338(m)(bb)(ee)(ff), 339(e), 342, 579(1)(2), 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-Artikoli 15(1)(a), 15(2), 15A, 15B, 15D(b) u 15E tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-Artikoli 48(d) u 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta` Malta, issib u tiddikjara lil Jeffrey Cilia :

a). mhux hati ta` l-imputazzjonijiet numru (1), (4), (5), (7) u (15) u konsegwentement minn tali imputazzjonijiet tilliberah skond il-ligi;

b). hati ta` l-imputazzjonijiet numru (2), (3), (6), (8), (10), (11), (12), (13), (14), (16), (17), (18) u (19);

c). tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` l-imputazzjoni numru (9) stante li din giet rinunzjata skond il-ligi;

<u>**SANZJONIJIET**</u>

U tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` xaharejn izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` tlett snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija; u ghall-hlas ta` multa fis-somma komplessiva ta` elfejn euro (€2000).

Tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan ghal perjodu ta` sitt (6) xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl ta` l-ghada li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti spjegat lil Jeffrey Cilia, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta` €419.61 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` l-espert Dr. Martin Bajada;

**Ordni skond l-Artikoli 412C u 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikoli 412C u 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl ta` l-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta` l-Ispettur Louise Calleja u l-familjari taghha, u fil-konfront ta` l-ex Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, bintu u l-bqija tal-familjari tieghu, u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuni msemmija, u ghaz-zamma ta` l-ordni pubbliku, l-Qorti qeda bil-prezenti taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hati Jeffrey Cilia billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess Jeffrey Cilia milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuni msemmija, u billi tipprojbixxi lil Jeffrey Cilia milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuni msemmija, u dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu ta` tlett snin li jibdew jiddekorru mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.